MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 798/2005

**Catherine Abdilla (71559M) u zewgha**
**Joseph Abdilla (308950M)**

**Vs**

**Saviour Gafa (647745M) u martu**
**Josephine Gafa (100550M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba ta' l-atturi ghall-ammont ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) dovuta bhala senserija kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-atturi ma rrendew ebda servizz ghan-negozju u li l-istess atturi kienu anki rrinunzjaw ghal tali pretensjoni. Il-konvenuti qalu wkoll li n-

negozju sar bis-sahha ta’ reklamar li sar minn Owners Best.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mhux ikkontestat li kienet Catherine Abdilla li kienet taf lil dak li eventwalment xtara (Rees). Kienet Catherine Abdilla li cemplet lill-konvenuta u ghamlet appuntament halli Rees jara l-post. Catherine Abdilla marret ma’ Rees biex jara l-fond. Kienet prezenti ghall-konvenju u ghall-kuntratt. Inoltre l-konvenuti kienu wieghdu li jaghtu xi haga lill-attrici.

Illi l-verzjoni tal-konvenuti hi, li huma qabdu lil Owners Best biex jaghmlu r-reklami ghall-post u huma mill-bidu nfurmaw lill-attrici li kellhom “Agenti”. Il-konvenuti jghidu wkoll li waqt il-konvenju l-attrici kienet accettat li mhix se tiehu senserija minghand il-konvenuti. Illi bhala fatt pero’ dan l-allegat ftehim mhux imsemmi fl-istess konvenju jew fil-kuntratt.

Illi l-konvenuti ma gabux bizzejjed provi sabiex jikkonvincu lit-Tribunal li l-atturi rrinunzjaw ghas-senserija.

Illi l-fatt li l-konvenuti qabdu lil Owners Best biex jippubblikaw reklami ma jfissirx li l-atturi m’humiex intitolati ghas-senserija.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawzi **Deguara Vs Calascione et - PA 26/3/1998** u **Scerri Vs Zahra - Vol. XLII.ii. p.1135** fejn jinghad li sensal mhux biss ilaqqa’ lix-xerrej mal-bejjiegh izda wkoll jghinhom biex jaslu ghal ftehim. Illi sensal m’ghandux dritt ghas-senserija, u lanqas kumpens, jekk ma jippruvax li kien hu li wassal lill-partijiet ghall-ftehim definittiv fuq il-kundizzjonijiet kollha sostanzjali w accidentali tal-operazzjoni. Illi f’dan il-kaz l-attrici kienet prezenti f’kull stadju, hadet il-Rees jara l-post darbtejn, kienet prezenti meta ftiehmu dwar il-prezz u kienet prezenti fuq il-konvenju u fuq il-kuntratt.

Fil-kawza **Gianotti Vs Marchetti - 10/10/1969 N.3277 (Mediazione 1972)** intqal hekk:

“Perche’ sussista nesso di causalita’ tra l’attivita’ del mediatore e la conculsione dell’affare,…non e’ necessario l’intervento del mediatore in tutte le fasi delle trattative sino all’accordo definitivo, essendo sufficiente che la conclusione dell’affare possa ricollegarsi all’opera da lui svolta per l’avvicinamento dei contraenti, con la conseguenza che anche la semplice attivita’ consistente nel ritrovamento e nella indicazione dell’altro contraente o nella segnalazione dell’affare, legittima il diritto all provvigione, sempreche’ tale attivita’ costituisca il risultato utile di una ricerca fatta dal mediatore e poi valorizzata delle parti.”

Illi l-konvenuti jsostnu li l-atturi ma rrendew ebda servizz ghan-negozju. Illi hemm xi sentenzi fl-Italja li jaghmlu referenza ghall-kaz fejn il-persuna nvoluta tkun qieghda tagixxi bhala mandatarju ta’ wiehed mill-partijiet u mhux bhala sensal. F’sentenza tal-**Qorti ta’ Kassazzjoni - 19/7/1975** riportata fil-**Giustizia Civile Massimario Milano 1975**, kien intqal li:

“Il rapporto di mediazione a prescindere dalla unilateralita’ o bilateralita’ dell’ incarico, si sostanzia nell’ interposizione imparziale e neutrale tra due persone per agevolare la conclusione del compenso, sibbene di inesistenza della mediazione stessa la collaborazione la dipendenza o la rappresentanza di una delle parti interessate alla conclusione dell’a ffare, facendo venir meno la indipendenza, l’autonomia e la neutralita’, cui deve essere importata l’opera del mediatore, escludono la mediazione.”

Illi l-konvenuti naqsu li jgibu prova li l-attrici kienet tagixxi bhala mandatarju ta’ Rees. Jekk kienet hekk il-konvenuti ma kienux iwieghdu li jaghtu xi haga lill-attrici.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) bl-

imghax mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------